## L-Assedju l-Kbir tal-1565 (7)

# IL-MALTIN FL-ASSEDJU L-KBIR



JOSEPH SERRACINO



Fis-sensiela qasira ta' artikli dwar l-istorja tal-Assedju l-Kbir tal-1565, qrajna dwar il-ġlied qalil u mdemmi li sar fuq is-swar tal-Isla u ta' Kastilja matul l-Assedju l-Kbir. Minkejja li l-Maltin iġġieldu spalla ma' spalla mal-Kavallieri fuq is-swar żonqrija biex jiddefendu r-reliġjon u lil Malta biex ma taqax taħt il-ħakma Torka, wieħed jinnota li rari u rari ħafna jissemmew b'ġieh suldati Maltin li wrew qlubija kbira matul l-assedju, għajr biss lil Toni Bajjada u xi kultant Ċejlu Tonna u Luqa Briffa. Fuq dawn it-tliet personaġġi Maltin inkitbu stejjer u anke rumanzi, l-aktar meta l-isfond tal-ġrajja jkun tax-xeħta storika u teħodna fiż-żmien l-Assedju l-Kbir.

Jekk wieħed iħares lejn il-faċċata tal-knisja bażilika tal-Isla, jinnota, li fuq iż-żewġ naħat tal-gallarija hemm imwaħħlin żewġ irħamiet kbar li fuqhom hemm minquxa l-ismijiet tal-Kavallieri li ħallew ħajjiethom waqt fit-taqbid fuq is-swar tal-Isla matul l-Assedju l-Kbir. Ħabib tiegħi darba staqsieni, "possibbli li ma kienx hemm (imqarr wieħed) suldat Malti, li kien jistħoqqlu li ismu jiġi mnaqqax flimkien ma' dawk tal-Kavallieri għall-qlubija kbira li wera waqt it-taqtigħat qliel u mdemmijin li saru fuq is-swar ta' San Mikiel, meta l-istoriċi jgħidulna li l-maġġoranza tas-suldati li ssieltu b'tant qlubija fuq u madwar il-Forti San Mikiel kienu Maltin?"

Jekk wieħed iqalleb il-paġni tal-Istorja li jitkellmu fid-dettal dwar ir-rebħa glorjuża li l-Kavallieri u missirijietna għamlu fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir, insibu diversi Maltin u Għawdxin kemm bħala bdoti jew messaġġieri, li b'ħidmiethom, u b'riskju kbir li jitilfu ħajjithom jew jinqabdu mit-Torok, kif ukoll l-eluf ta' suldati li ssieltu bi qlubija kbira fuq is-swar ta' Sant' Jiermu, San Mikiel, ta' Kastilja u s-swar li jdawru lill-Isla u l-Birgu biex finalment inkisbet il-vittorja. Din ir-rebħa storika fuq il-Mislem Tork, ma kinitx biss tal-Kavallieri u tas-suldati Taljani, Sqallin u Spanjoli li ġew biex jgħinuhom, iżda ċertament kienet dovuta wkoll għall-qlubija ta' aktar minn 6,000 suldat Malti u l-poplu Malti, b'mod speċjali n-nisa u t-tfal Sengleani li jissemmew b'ġieh kbir mill-istoriċi Maltin li kitbu dwar l-Assedju l-Kbir ta' Malta.

U proprju b'dan il-ħsieb f'moħħi se nsemmi xi wħud mill-Maltin li taw xhieda tal-qlubija tagħhom tul l-Assedju l-Kbir:

- Fix-xogħol perikoluż biex kontinwament jgħassu u jirrapportaw lill-Gran Mastru l-manuvrar u ċ-ċaqliq tal-armata Torka nsibu li Toni Guevara, Franġist Xerri, Ġanni Calavar, Anton Cassia, Ġużeppi ta' Nava, Ferrandu Guevara, Indri Zahra u Ġakbu Pace…
- Il-Maltin (aktarx fuq id-dgħajjes) li kienu jgħassu lejl u nhar li l-ebda Tork ma jaqbeż il-katina tal-ħadid li kien hemm bejn l-Isla u l-Birgu kien hemm bosta fosthom baħri Malti Arbenia u Pietru Bola. Jissemmew ukoll għall-kuraġġ kbir li wrew tul l-Assedju ċertu Ġanni tal-Pont u Martin Franġisku li kienu ppustjati f'Bormla.
- Fid-Dejma Maltija jissemmew ħafna għall-qlubija tagħhom Mikiel Catli, Karlu t'Avila u Luqa Briffa, iżda ċertament li kien hemm bosta Maltin oħra li minkejja l-qlubija tagħhom isimhom ma ssibu mkien.
- Insibu wkoll bdoti tal-baħar li żammew it-triq bejn Malta u Sqallija miftuħa bix-xwieni tagħhom tul l-assedju, u ħadu u ġabu messaġġi u aħbarijiet bejn Malta u Sqallija, fosthom jissemmew Franġisk Bonnici, Toni Ross, Pinu d'Aloy, Orlando Magro u Bertu Abela.
- L-aktar Għawdxi msemmi huwa Pietru Xewka mlaqqam "il-Ġurdien ix-Xiħ" – dan kien iwassal il-mesaġġi bejn il-Gvernatur ta' Għawdex u l-Gran Mastru La Vallette biex jgħarrafhom jekk lit-Torok kinitx qed taslilhom xi għajnuna u minn fejn.
- Anton Xilla kellu dgħajsa għas-servizz tal-Gran Mastru waqt li Pietru Miraglia u ħames qalbiena oħra mill-Birgu kienu farrku pont li bnew it-Torok f'Sant' Jiermu.
- Bla dubju ta' xejn Toni Bajjada u Ġejtu Tonna huma magħrufin biżżejjed għax-xogħol li wettqu f'kull taqbida. Pawlu Burlò, Orlando Żabbar u Pawlu Mizzi kienu l-inġinieri tal-baħar li waħħlu f'qiegħ il-baħar travi tal-ħadid, bit-tarf tagħhom mislut u rabtuhom ma' xulxin bil-ktajjen tal-ħadid bejn l-Isla u l-Birgu, minnaħa għall-oħra tal-Kalkara fejn illum hemm Bighi, biex l-għadu ma jkun jista' la jaqsam u lanqas jidħol.
- Wistin Tabona u Ġakbu Bonnici fetħu ħbit qalil fuq it-Torok. Ġlormu Camensuri magħruf bħal "iż-Żajti" salva l-ħajja tal-kavallier Salazar. Marku Vosco kien il-qaddej speċjali tal-Gran Mastru La Vallette. L-istess Marku Vosco u Ġlormu Burlò sfaw maqtula waqt li kienu qed iħarsu l-ħajja ta' La Valette aktarx fuq is-swar ta' Kastilja.
- Salvu Żabbar u Tummasu Mizzi flimkien ma' oħrajn x'ħin raw xi wħud mit-Torok qegħdin jissieltu biex jaħtfu l-posta ta' Kastilja, qabżu fuqhom, ħarbtuhom u serqulhom l-armi kollha.
- Ċertu Marku Xuereb li kien suldat tal-kavallerija u Kola Buhagiar, messaġġier bejn l-Imdina u l-Birgu waqgħu lsiera tal-għadu. Meta Mustafa staqsa lil Marku Xuereb biex jagħtih tagħrif tad-difiża ta' Malta, u dan ma ried jgħid xejn, ġie maqtul minnufih. Kola Buhagiar kien fortunat aktar minnu għax ġie meħlus minn Malti ieħor li kien jismu Ġanni (kunjomu mhux magħruf) u b'hekk ħeles mill-mewt.

L-istoriku John Bezzina jgħidilna li meta kien iħares lejn iż-żewġt irħamiet kbar li semmejt aktar 'l fuq, fejn l-ismijiet tal-kavallieri li jidhru minquxa fuqhom kienu ngabru b'paċenzja kbira minn Don Maurus Inguanez, u fl-1965 tqiegħdu mal-faċċata tal-knisja bħala tifkira tar-raba' ċentinarju tal-Assedju l-Kbir, tgħidx kemm kien jiddispjaċih għax f'din il-lista ma jidher l-ebda isem ta' suldat Malti. U proprju biex jurina kemm kien hemm Maltin li b'xi mod jew ieħor taw sehem kbir f'din ir-rebħa glorjuża, huwa jagħtina din il-lista twila, li jien se ngħaddiha lilkom kif sibthom miktubin, għalkemm jidhirli li l-ismijiet ta' xi lokalitajiet, f'dak iż-żmien kienu jinkitbu mod differenti.

Nibdew b'lista twila ta' kuntistabblijiet Maltin li kienu nħatru fl-1565 (is-sena tal-Assedju Kbir) u li kienu meqjusin bħala l-mexxejja residenzjali ta' kull raħal.

Aczupard Antonio* (kuntistabbli ta' Ħal Guderi); Aius Leonard (Birkirkara); Aius Lucas (Birkirkara); Barbara – ismu mhux magħruf (Tarxien); Bartolo Angelo (Siġġiewi); Birtelli Matteo* (Mosta); Bonichi Johanello (Żabbar); Busuttil Andrea (Tarxien); Calleia Ioannes* (Naxxar); Camilleri Salvu* (Żebbuġ); Cassia Ġuljan* (Birkirkara); Ciantar Sebastian* (Ħal Xluk); Chappara Mattew (Rabat); Falzon Nardu (Safi); Farrugia Filippo (Kirkop); Galia Anton* (Żebbuġ); Galia Joannes (Naxxar); Galia Simon* (Mosta); Gatt Brandanus* (Siġġiewi); Gatt Ioannes (Żebbuġ); Gilbert Lucas* (Tarxien); Mamo Marco (Siġġiewi); Pachi Giorgio (Qormi); Sammut Micha (Għargħur); Tabuni Silvestro* (Ħal Kbir); Vassallo Marciano* (Żebbuġ); Vella Mattew (Birkirkara); Vella Salvu (Gudja); Vella Wenzu* (Birkirkara); Zahra Lorenzo (Safi); Zammit Antonio (Naxxar); Zammit Dionisio (Naxxar); Zammit Michael (Naxxar) u Zammit Zaccari (Rabat).

*Nota: Dawk li wara isimhom għandhom l-asteriska (*) kienu wkoll ħadu sehem fil-laqgħa li kienet saret fl-20 ta' Frar 1565 bi tħejjija għall-Assedju.*

### LAQGĦA TAL-UNIVERSITÀ TAL-IMDINA

Dawn kollha li ġejjin huma l-ismijiet ta' dawk li kienu ħadu sehem fil-laqgħa tal-Università tal-Imdina bi tħejjija għall-Assedju li kienet saret fl-20 ta' Frar 1565:

Aczupard Antonio*; Bartolo Ioannes (Maġistrat); Birtelli Matteo; Bonelli Tumas; Borg Biasius, Calleia Ioannes; Camilleri Salvu; Cassar Toni (Żabbar); Cassar Anton; Cassar Francesco; Cassar Mattew; Cassar Mikiel; Cassia Ġuljan; Chantar Bastjan; Combo Ioannes; Combo Wistin; De Guevara



**Il-Forti Sant'Iermu, fortizza li l-Maltin flimkien mal-Kavallieri ddefendew bi qlubija mit-theddida tat-Torok waqt l-Assedju l-Kbir**

Antonio; De Nava Pietro; Ferriolo Ġiov; Galea Lucas; Galea Antonio; Galia Simon; Gatt Brandanus; Gatt Tumas; Gilbert Lucas; Lauria Nicol-Pietro; Micallef Teramus; Surdo Ambrogio; Tabuni Anton; Tabuni Silvestru; Vassallo Marcianus; Vella Wenzu; Xerri Ġlormu; Xicluna Xmun.

Bdoti u messaġġieri Maltin fl-Assedju l-Kbir:

Abela Bartilmew (li kien ir-raġel ta' Katerina Abela Guilina); Abela Pawlu; Bajjada Toni (Żabbarella, jgħid li kien jismu Matti waqt li Giglio f'"La Matea", jgħid li kien jismu Pawlu); Bonnici Ċikku; Bonnici Giacomo; Bonnici Mattew; Camilleri Nardu; Caminzule Ġlormu; Capuo Antonio; Cassar Eligio; Cassar Federico; Cassar Narduccio; Chircop Pietro; Chantar Mikiel; Cumbo Giovanni; Curmi Berto; Curmi Nardo; D'Armenia Luqa; D'Avola Pawlu (dan qabel l-Assedju ntbagħat diversi drabi bħala ambaxxatur għand il-Viċi Re ta' Sqallija); De La Crin Giovanni; Dingli Salvu; Fava Pietro; Fleri Pietru; Magri Orlando; Magri ieħor (ismu mhux magħruf); Malvasia Ġorġ; Mellisingo Giorgio; Pace Giacomo; Pawlu (kunjomu mhux magħruf); Pisani Ċikku; Ros Lorenzo; Ros Ninu; Scalpello Bartilmew; Testaferrata Mareiano; Vella Ċikku; Vella Mario; Xara Orlando; Xerri Dionig; Xilla aktarx Cilia; Pietru mlaqqam "ix-Xewki"; Zahra Andrea; Zupard aktarx Azzopardi.

Imbagħad kien hemm messaġġieri oħrajn ta' Għajn Tuffieħa, Ħaġra s-Sewda, Mdina, Mġarr u ta' Sant' Jiermu li kienu ġew maqtulin. Kien hemm ukoll messaġġieri tas-Siġġiewi u ta' Sirakuża.

## ARĊIPRIETI U KAPPILLANI

F'Malta u Għawdex matul l-Assedju l-Kbir kien hawn dawn l-Arċiprieti, Kappillani u Retturi:

Dun Ġuljan Borg tan-Naxxar (???? – 1610); Dun Ġakbu Calleja tas-Siġġiewi (1654 – 1587); Dun Ġwann Cilia ta' Ħal Qormi (1563-1570); Dun Lawrenz De Apapis tar-Rabat – Għawdex – (1546–1586); Dun Ġwann Mamo taż-Żejtun (1531-1586); Dun Ġużepp Manduca ta' Ħaż-Żebbuġ (1547–1565); Dun Pankraz Micallef ta' Bir Miftuħ (1522 – 1570); Dun Leonard Micallef De Agitilis tal-Kastell Għawdex (1553 – 1569); Dun Pietru Pisani ta' Birkirkara (1531-1575); Dun Ġakbu Saliba (Żebbuġi) ta' Ħad-Dingli (1553-1589); Dun Mattew Surdo – Arċipriet tal-Imdina (1535-1566); Dun Antonio Vassallo – Arċipriet tal-Birgu (1549 - 1578); Dun Nikol Kara taż-Żurrieq (1545 - 1567).

F'artiklu ieħor interessanti ħafna miktub minn John Stanicic, il-perjodiku tas-*Senglea Historical Society*, bit-titlu "Senglea – Civitas Invicta – Sehem il-Maltin fl-Assedju tal-1565," jagħtina wkoll lista ta' Maltin li jissemmew matul l-Assedju fl-Isla, fosthom l-inġinieri l-aħwa Glormu u Andrea (Indri) Cassar li kienu qegħdin jaħdmu fuq is-swar tal-Isla, kif ukoll jissemmew li flimkien mal-kavallieri Enrinco Parisot (neputi ta' La Vallette) u Robles ippruvaw jeqirdu pont li kien intrama mit-Tork quddiem il-Forti San Mikiel.

Jissemmew ukoll il-kostrutturi Orlando Zabbar u Paolo Burlò u l-bdoti Micciolo u Giuseppe d'Arena, kif ukoll Lamberto Miccio mlaqqam "is-Sansun tal-Mosta". Imbagħad insibu oħrajn, fosthom: Agostino Tabone, Giacomo Bonniċi, Kikku Costanzio, Giacomo Nave, Pio u Ġanni Bajjada, Ġużeppi Zahra, Gervasio Zafferina, Toni Ciappara, Fabio Torres, il-Patrijiet Kappuċini Maltin Clement u Metodio Bonaventura, Fabio Flores, Damjan Xerri, Diego Broccoforte magħruf bħala "Sansun" u martu Marozza li kienet eroj fuq is-swar ta' San Mikiel.

M'hemmx l-iċken dubju li ma' dawn il-ftit Maltin li jissemmew f'din il-lista, hemm ħafna oħrajn li jinsabu miktubin f'kotba oħra jew jinsabu f'dokumenti fl-arkivji jew f'xi libreriji privati.

Li nafu fiż-żgur hu, ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir, minkejja li d-direzzjoni kienet f'idejn il-kavallieri u mmexxija mill-Gran Mastru La Vallette li bejn kavallieri u suldati barranin (Taljani, Sqallin, Spanjoli) kienu madwar 2,300, il-maġġoranza tas-suldati li ffrontaw sidirhom kontra l-għadu Tork kienu Maltin (6,000), u ma' dawn, wieħed irid jgħodd ukoll il-pajżana, irġiel, nisa u tfal li taw sehemhom kemm fl-Isla kif ukoll fil-Birgu. Wara dawn l-artikli dwar din il-ġrajja kbira, wieħed jistaqsi, għaliex aħna bħala Maltin, meta nsemmu l-Assedju l-Kbir dejjem niftaħru biss bil-qlubija tal-kavallieri u ninsew il-qlubija ta' missirijietna?



**Il-Bażilika tal-Isla li fuq iż-żewġ naħat tal-gallarija hemm imwaħħlin żewġ irħamiet kbar li fuqhom hemm minquxa l-ismijiet tal-Kavallieri li ħallew ħajjithom waqt it-taqbid matul l-Assedju l-Kbir**